MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1342/2004

**Mobisle Communications Limited**
**vs**
**Hamden Ahmed**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tmienja u disghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm998.66), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 171710 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xahar ta' Ottubru 2003.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u tmienja u disghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm998.66), bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------